# L-GĦAJNUNA STRUTTURALI GĦAS-SAJD

Il-politika Ewropea tas-sajd, li fil-bidu kienet iffinanzjata mill-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG), ġiet iffinanzjata mill-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) għall-perjodu 2007-2013, u fil-preżent hija ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) il-ġdid, b'valur ta' EUR 6.4 biljun, għall-perjodu 2014-2020. Il-FEMS jgħin lis-sajjieda fit-tranżizzjoni lejn sajd sostenibbli, jappoġġja l-komunitajiet kostali fid-diversifikazzjoni tal-ekonomiji tagħhom u jiffinanzja proġetti li joħolqu impjiegi ġodda u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tul il-kosta Ewropea.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

## L-OBJETTIVI

L-objettiv prinċipali tal-politika strutturali tas-sajd huwa li tipprovdi miżuri finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd (PKS) u l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd u tal-akkwakultura. Hija tgħin lis-sajjieda jikkonformaw ma' rekwiżiti ġodda bħalma huma dawk dwar l-obbligu ta' ħatt l-art, il-miżuri ta' sikurezza ġodda u t-tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ġbir tad-data u l-infrastrutturi tal-port.

## IL-KISBIET

### A. L-isfond

Il-politika strutturali tas-sajd oriġinat fl-1970 bid-deċiżjoni li tintbagħat applikazzjoni lit-Taqsima tal-Gwida tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (EAGGF), għal għajnuna għall-bini, il-modernizzazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar fis-settur tas-sajd.

Fl-1992, il-Kunsill Ewropew ta' Edinburgh iddeċieda li jinkorpora l-politika strutturali tas-sajd fil-Fondi Strutturali b'objettiv proprju, l-Objettiv 5(a) (adattament tal-istrutturi tas-sajd), u bi strument finanzjarju proprju, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG). Sabiex tingħata għajnuna finanzjarja liż-żoni li jiddependu fuq is-sajd, ġiet stabbilita l-inizjattiva Komunitarja li tikkonċerna r-ristrutturar tas-settur tas-sajd (PESCA) għall-perjodu 1994-1999, flimkien ma' miżuri ta' akkumpanjament bħalma huma l-irtirar bikri, inċentivi għas-sajjieda żgħażagħ, eċċ.

L-Aġenda 2000 introduċiet linji gwida ġodda, li kienu jinkludu l-inkorporazzjoni tal-problemi strutturali taż-żoni li jiddependu fuq is-sajd fl-Objettiv 2 il-ġdid tal-Fondi Strutturali u n-nuqqas ta' tiġdid tal-inizjattiva PESCA fl-2000. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 stabbilixxa l-qafas il-ġdid tal-FIFG għal interventi għall-perjodu 2000-2006, bil-ħsieb li jintlaħaq bilanċ sostenibbli bejn ir-riżorsi tas-sajd u l-isfruttament tagħhom.

**B.** Il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES)

**1.** Bħala parti mir-riforma tal-PKS, il-FES ħa post l-FIFG mill-perjodu 2007-2013 u kellu ħames prijoritajiet:

— is-sostenn tal-objettivi ewlenin tal-PKS, permezz ta' sfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u bilanċ stabbli bejn dawn ir-riżorsi u l-kapaċità tal-flotta tas-sajd tal-UE;

— iż-żieda fil-kompetittività u l-vijabbiltà ekonomika tal-operaturi fis-settur;

— il-promozzjoni ta' sajd u metodi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

— l-għoti ta' appoġġ adegwat għal dawk impjegati fis-settur;

— il-faċilitazzjoni tad-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika f'żoni li jiddependu fuq is-sajd.

Il-baġit totali tal-FES għall-perjodu 2007-2013 kien jammonta għal EUR 3 849 miljun (EUR 2 908 miljun għaż-żoni ta' konverġenza u EUR 941 miljun għaż-żoni ta' nonkonverġenza).

**2.** Tipi ta' azzjoni:

— miżuri għall-adattament tal-flotta tal-Komunità (għajnuna għal irtirar permanenti jew temporanju tal-bastimenti tas-sajd, taħriġ, rikonverżjoni jew irtirar bikri);

— akkwakultura, ipproċessar u kummerċjalizzazzjoni: promozzjoni tal-akkwist u l-użu ta' tagħmir u metodi li jnaqqsu l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent, speċjalment tas-sajd minn impriżi żgħar u mikro;

— miżuri ta' interess komuni: kienu eliġibbli għall-għajnuna proġetti li għenu l-iżvilupp sostenibbli jew il-konservazzjoni tar-riżorsi, it-tisħiħ ta' swieq li jbigħu prodotti relatati mas-sajd jew li jippromwovu s-sħubiji bejn ix-xjenzati u l-operaturi fis-settur tas-sajd;

— żvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd kostali: appoġġ għal miżuri u inizjattivi mmirati lejn id-diversifikazzjoni u t-tisħiħ tal-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni affettwati mit-tnaqqis fl-attivitajiet tas-sajd;

— għajnuna teknika: azzjoni relatata mat-tħejjija, il-monitoraġġ, l-appoġġ amministrattiv u tekniku, l-evalwazzjoni, l-awditjar u l-kontroll neċessarji għall-implimentazzjoni tar-regolament propost.

L-Istati Membri kienu responsabbli mill-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji fost dawn il-ħames prijoritajiet.

## IL-FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS)

Sabiex jiddaħħal fis-seħħ il-ftehim tal-Parlament mal-Kunsill dwar il-PKS il-ġdida u riveduta fil-fond, il-FEMS, kif propost mill-Kummissjoni u mmodifikat inizjalment mill-Parlament fl-2013, kompla jiġi emendat u ħa l-ewwel sura finali tiegħu fi ftehim mal-Kunsill.

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd hu wieħed mill-ħames Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perjodu 2014-2020. Il-Fond huwa parti mill-Intestatura 2, "Tkabbir sostenibbli u riżorsi naturali", u huwa l-istrument finanzjarju ewlieni li jappoġġja l-politika komuni tas-sajd (PKS) tal-UE. Ammont żgħir mill-FEMS għandu l-għan li jappoġġja politika marittima integrata (IMP). Il-PKS tippromwovi prinċipalment is-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, il-kontroll u l-infurzar, il-ġbir tad-data u l-ekonomija blu. Il-FEMS jappoġġja wkoll l-objettivi tal-UE fil-qasam tal-affarijiet marittimi u kostali bħall-governanza internazzjonali, l-għarfien dwar il-baħar u l-ippjanar spazjali marittimu. L-ammont totali allokat lill-FEMS għall-perjodu 2014-2020 huwa ta' EUR 6,400 miljun. Il-Fondi SIE joperaw fil-qafas ta' regoli u dispożizzjonijiet komuni (ara r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013), li jtejbu u jarmonizzaw il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom. Il-FEMS jikkofinanzja proġetti bis-sehem ta' fondi nazzjonali: kull Stat Membru jiġi allokat sehem mill-baġit totali tal-Fond, skont id-daqs tal-industrija tas-sajd tiegħu (il-livell ta' impjiegi u ta' produzzjoni, id-daqs tal-flotta tas-sajd, eċċ.). Kull Stat Membru mbagħad iħejji programm operattiv li jiddeskrivi l-allokazzjoni tal-fondi proprji u li jkun irid jiġi approvat mill-Kummissjoni. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom mandat biex jagħżlu l-proġetti li jridu jiġu ffinanzjati, u huma responsabbli b'mod konġunt mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-programm operattiv.

Dan il-programm jappoġġja l-erba' oqsma prinċipali li ġejjin:

**A.** Sajd ambjentalment sostenibbli fl-UE

— investiment f'tagħmir tas-sajd aktar selettiv biex jiġi eliminat l-iskartar u b'hekk jiġi ġestit l-obbligu li jitħattu l-qabdiet kollha impost bir-riforma tal-PKS mill-2015;

— fuq talba speċifika tal-Parlament, prijorità għall-ġbir u l-kontroll tad-data permezz ta' żieda sostanzjali fis-sehem tal-FEMS allokat għal dan l-iskop;

— l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet, bħal perjodi ta' mistrieħ bijoloġiku;

— iffriżar tas-sussidji għall-operaturi li ma jkunux konformi mar-regoli tal-PKS.

**B.** Settur tas-sajd kompetittiv

— għajnuna għad-dħul (investiment sa EUR 75,000 f'bastimenti ta' inqas minn 12-il metru) għal sajjieda taħt l-età ta' 40 sena b'minimu ta' ħames snin ta' esperjenza professjonali fis-settur;

— appoġġ għad-diversifikazzjoni tad-dħul tas-sajjieda permezz ta' attivitajiet anċillari (eż. it-turiżmu tas-sajd): ta' min wieħed jinnota li l-Parlament irrifjuta l-possibbiltà ta' taħriġ f'ħiliet ġodda barra mis-sajd proposta oriġinarjament mill-Kummissjoni;

— investiment abbord sabiex il-qabdiet jiġu ġestiti aħjar u titjieb il-kwalità tagħhom, kif ukoll investiment fl-infrastruttura tal-portijiet sabiex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' ħatt l-art;

— appoġġ għall-innovazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' bastimenti iktar moderni u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

— appoġġ għall-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni mfassla mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi;

— għajnuna għal ħruġ finali għall-iskrappjar ta' bastimenti sabiex jitnaqqsu l-kapaċità u l-isforz tas-sajd tal-flotta;

— appoġġ għas-sostituzzjoni tal-magni biex jitnaqqsu l-qawwa u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ (bil-kundizzjoni li titnaqqas il-qawwa tal-magna ta' bastimenti ta' bejn 12 u 24 metru).

**C.** Kundizzjonijiet soċjali aħjar

— investimenti biex jitjiebu s-saħħa, l-iġjene u s-sikurezza abbord;

— taħriġ vokazzjonali għas-sajjieda;

— ħolqien ta' fond ta' assigurazzjoni reċiproka biex ikunu koperti d-diżastri naturali u l-inċidenti ambjentali jew relatati mas-saħħa (li tkopri s-sajjieda, kif ukoll lil dawk li jrabbu l-gajdri kontra l-ħsara).

**D.** Tkabbir blu (akkwakultura)

— appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien;

— titjib tal-kompetittività u l-vijabbiltà tal-intrapriżi tal-akkwakultura, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u medji;

— inizjattivi biex tiġi protetta u restawrata l-bijodiversità akkwatika u jitjiebu l-ekosistemi relatati mal-akkwakultura;

— promozzjoni tal-akkwakultura b'livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, tas-saħħa u l-benessri tal-annimali, u tas-saħħa u s-sikurezza pubblika;

— żvilupp ta' taħriġ professjonali, ħiliet professjonali ġodda u tagħlim tul il-ħajja. Biex jiġu implimentati dawn il-miżuri, jirriżultaw rilevanti l-istrateġiji għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti (RIS3): dawn iħaddnu approċċ integrat, li jippermetti inizjattivi ġodda u applikazzjonijiet li jistgħu jiġu introdotti fl-attivitajiet ekonomiċi eżistenti kollha permezz tal-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-formazzjoni ta' ditti

żgħażagħ u approċċi "minn isfel għal fuq". Dawn il-prinċipji jistgħu jaqdu rwol importanti sabiex jiġi stimulat it-tkabbir blu.

Baġit

Il-FEMS għall-perjodu 2014-2020 jammonta għal EUR 6.4 biljun. 89% tal-Fond huwa ġestit mill-Istati Membri, u jintuża għat-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, bil-forniment ta' aktar għodod tas-suq għall-konsumaturi u l-professjonisti, il-promozzjoni tal-ġestjoni konġunta taż-żoni protetti, u l-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira. Minn dan l-ammont:

- EUR 4,340 miljun huma allokati għall-iżvilupp sostenibbli tas-sajd u l-akkwakultura, inklużi miżuri relatati mal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar, l-għajnuna teknika, l-iżvilupp lokali u l-appoġġ għaż-żoni tas-sajd;
- EUR 580 miljun huma allokati għal miżuri ta' kontroll u infurzar, sabiex tiġi ssorveljata l-konformità mal-PKS u jitħares l-aċċess ġust għal stokkijiet b'saħħithom. Dawn jinkludu kontroll ta' aċċess għaż-żoni tas-sajd, l-isforz tas-sajd, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) u l-kwoti;
- EUR 520 miljun huma allokati biex jiffinanzjaw il-ġbir ta' data għat-titjib fil-ġestjoni tas-sajd fit-tul (eż. il-fehim u l-monitoraġġ ta' speċijiet kummerċjali u d-dinamika ta' stokk uniku kif ukoll id-dinamika tas-sajd imħallat, u l-immudellar ekoloġiku tal-baċini reġjonali);
- EUR 71 miljun huma allokati għall-miżuri tal-ekonomija blu, biex ikun hemm tkabbir u ħolqien ta' impjiegi sostenibbli mir-riżorsi tal-baħar f'oqsma bħas-sorveljanza marittima, titjib fl-għarfien tal-ibħra u l-ekosistemi, u sfruttament responsabbli ta' riżorsi tal-baħar ġodda (enerġija, bijoteknoloġija, eċċ.);
- EUR 192.5 miljun huma allokati għall-kumpens tar-reġjuni ultraperiferiċi, li l-flotot tagħhom huma fil-biċċa l-kbira magħmula minn bastimenti fuq skala żgħira. Il-FEMS iqis l-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi permezz ta' għajnuna pubblika aktar intensa u skema ta' kumpens speċifika tal-ispejjeż addizzjonali għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.

Il-Kummissjoni tamministra direttament il-11% li jifdal billi tappoġġja proġetti Ewropej f'affarijiet marittimi u kostali, li jinkludu l-ippjanar spazjali tal-ibħra, il-governanza u l-kooperazzjoni internazzjonali, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)

L-għajnuna strutturali lill-PKS hija regolata permezz tal-QFP, li jistabbilixxi l-ammonti annwali massimi li l-UE tista' tonfoq f'oqsma politiċi differenti. Huwa jipprovdi skema għall-programmazzjoni finanzjarja u d-dixxiplina baġitarja u jiżgura li n-nefqa tal-UE tkun prevedibbli u tibqa' fil-limiti maqbula, tul perjodu twil biżżejjed biex jagħmel il-politiki komuni effikaċi. Il-QFP 2014-2020 huwa maqsum f'sitt kategoriji ta' spejjeż li jikkorrispondu għal oqsma ta' attività differenti, li waħda minnhom hija dik relatata mat-tkabbir sostenibbli u r-riżorsi naturali, li tinkludi l-PKS u li għandha baġit ta' EUR 420 biljun. Fit-2 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha għall-QFP 2021-2027, u fit-12 ta' Ġunju 2018 id-DĠ MARE ppubblika l-proposta tiegħu għall-FEMS bil-prijoritajiet ewlenin li ġejjin:

— it-trawwim tas-sajd sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

— il-kontribut għas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni Ewropea permezz ta' swieq u akkwakultura sostenibbli u kompetittivi;

— il-promozzjoni tat-tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u t-trawwim ta' komunitajiet kostali li jiffjorixxu;

— it-tisħiħ tal-governanza tal-oċeani internazzjonali u l-promozzjoni ta' ibħra u oċeani sikuri, indaf u ġestiti b'mod sostenibbli.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament jivvota kemm għall-baġit kif ukoll għall-kwittanza tiegħu. Il-koleġiżlaturi jivvutaw dwar il-proposta tal-FEMS permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-Parlament jiskrutinizza n-nefqa tal-UE permezz tal-Fondi SIE matul il-proċedura ta' kwittanza baġitarja annwali.

Fis-6 ta' Lulju 2016, il-Parlament iddiskuta u adotta rapport fuq inizjattiva proprja dwar it-tħejjija tar-reviżjoni postelettorali tal-QFP 2014-2020[1], bħala l-kontribut tiegħu għall-proċess qabel il-preżentazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP. Fil-11 ta' Novembru 2017, il-Kumitat għas-Sajd ivvota dwar l-opinjoni tiegħu għall-Kumitat għall-Baġits rigward "Il-QFP li jmiss: tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020".

Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament adotta riżoluzzjoni leġiżlattiva dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' ċerti regoli relatati mal-FEMS minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni[2]. Dan ir-regolament japplika għall-FEMS attwali (2014-2020).

Fl-4 ta' April 2019, il-Parlament adotta proposta leġiżlattiva għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għall-perjodu 2021-2027[3]. Il-mira ta' dak il-fond trid tkun li l-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jiġi ddedikat biex isostni l-Politika Komuni tas-Sajd, il-politika marittima tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-governanza tal-oċeani.

Carmen-Paz Martí
05/2019

[1]ĠU C 101, 16.3.2018, p. 64.
[2]P8_TA-PROV(2019)0183.
[3]P8_TA(2019)0343.